A.L. 202 ta' l-2001

ORDINANZA DWAR IL-PULIZIJA TA' MALTA (KAP. 164)

Regolamenti li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pulizija ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Pulizija ta' Malta, il-Ministru ta' l-Intern għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pulizija ta' Malta, u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1960 dwar il-Pulizija ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 164.01.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Ġunju, 2001.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jitħassar; u

(b) il-paragrafi (ċ), (d) u (e) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (b), (ċ) u (d) rispettivament.